StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

**IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) Il-Ħin: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ____________________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| fl-ewwel | industrijali | ċittadin | konsumatur | nazzjonali |
| valuri | relazzjonijiet | diżgrazzja | fit-tielet | mis-soċjetà |
| it-tieni | identità | valuri ċiviċi | naħsbu | reklam |

1. Persuna bi drittijiet u dmirijiet tissejjaħ ______________________________.
2. Dak kollu li jagħmilni dak li jien hu parti mill-______________________________ tiegħi.
3. Meta ngħin lill-oħrajn huwa eżempju ta' ______________________________.
4. L-identità ______________________________ tagħna tagħrafna li aħna Maltin.
5. Ix-xogħol ta' bidwi jaqa' ______________________________ settur tal-ekonomija.
6. Ix-xogħol ta' wejter jaqa' ______________________________ settur tal-ekonomija.
7. ______________________________ settur tal-ekonomija jissejjaħ ukoll dak tal-manifattura.
8. ______________________________ hu meta kumpanija tipprova tikkonvinċik biex tixtri l-prodott tagħha.
9. ______________________________ hu persuna li tixtri prodott jew servizz.
10. Meta tissieħeb ma' nies oħra persuna tkun qed tifforma parti ______________________________.
11. Bħala bnedmin inħossu l-bżonn li nibnu ______________________________ man-nies ta' madwarna.
12. Il-ħaddiema għandhom joqogħdu attenti f'xogħolhom biex jevitaw xi ______________________________.
13. Meta naraw ir-reklami ma rridux nemmnu dak kollu li jgħidulna iżda rridu ______________________________ ftit.
14. Meta jkun hemm nuqqas ta' ftehim bejn is-sid tal-fabbrika u l-ħaddiema jissejjaħ inkwiet ______________________________.
15. Il-______________________________ huma sett ta' imġiba li s-soċjetà tħoss li huma tajba u għalhekk tħeġġek li tosservahom. **(15-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. L-għan tat-trejdjunjin hu li tieħu ħsieb l-interessi
   a) tal-ħaddiema
   b) tal-bank
   c) ta' dawk magħquda bħall-miżżewġin

2. Il-ħin liberu qiegħed hemm biex
   a) naħdem iktar milli suppost
   b) nirrilassa
   c) nistudja għall-eżami

3. Bħala ċittadin Malti
   a) għandi nitkellem bil-Malti
   b) għandi dritt għall-vot
   c) għandi mmur il-quddies

4. Is-saħħa ħolistika tinkludi
   a) is-saħħa fiżika, mentali u soċjali
   b) il-ġisem
   c) li tagħmel *check-up* regolari.

5. L-Isptar Ġenerali ta' Malta hu
   a) St. Luke's
   b) Boffa
   c) Mater Dei

6. Mezzi tal-mass midja
   a) jistgħu jintużaw fil-klassi biex l-istudenti jaħlu l-ħin
   b) jistgħu jintużaw fil-klassi biex l-istudenti jifhmu aħjar
   c) ma jistgħux jintużaw fil-klassi għax mhux suppost.

7. Fuq il-post tax-xogħol, ħaddiem għandu
   a) jieħu s-*sick leave* biex ilaħħaq mal-*part time*
   b) jiskarta kemm jiflaħ
   c) jagħmel xogħlu sew u ma jaħlix żmien

8. Xogħol volontarju hu meta taħdem
   a) ma' stazzjon tar-radju
   b) għas-sodisfazzjon u ma titħallasx
   c) filwaqt li titħallas u tkun sodisfatt

9. Ir-raba' settur tal-ekonomija jissejjaħ ukoll
   a) tal-manifattura
   b) tar-riċerka
   c) tas-servizzi

10. Fil-ħajja ma jistax ikolli kollox, għalhekk jeħtieġ li
    a) nitgħallem nagħżel
    b) nisraq ħalli jkolli kollox
    c) naħdem aktar ħalli jkolli kollox

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C: Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex.**

1. Fil-ħajja l-aktar importanti huma d-drittijiet mhux id-dmirijiet. Veru/Falz
   Għaliex?
   ____________________
   ____________________

2. Fost id-drittijiet tal-konsumatur insibu d-dritt għall-informazzjoni. Veru/Falz
   Għaliex?
   ____________________
   ____________________

3. Il-qgħad mhux problema tiegħi għax jien student/a. Veru/Falz
   Għaliex?
   ____________________
   ____________________

4. L-internet jista' jgħinek u jista' jtellfek fl-istess ħin. Veru/Falz
   Għaliex?
   ____________________
   ____________________

5. Saħħa mentali u psikoloġika għandha x'taqsam mal-mod kif persuna turi l-ideat tagħha biex tkun tista' taffaċċja l-ħajja. Veru/Falz
   Għaliex?
   ____________________
   ____________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

"Dari, malli nqum filgħodu kont nilbes biex hekk kif idoqqu s-sitta, inkun minn tal-ewwel li nixtri l-gazzetta. Temp sabiħ jew dulluvju, dejjem noħroġ biex inkun naf x'qed jiġri. Fit-tmienja neqsin ħamsa nagħmel belgħa te, u noqgħod nisma' l-aħbarijiet fuq ir-Redifjuxin (radju). Apparti xi bulettin matul il-ġurnata, kont nistenna fuq ix-xwiek biex nara l-aħbarijiet fil-qosor tas-sitta fuq l-istazzjon nazzjonali. Fit-tmienja, imbagħad, ara min ikellimni għax jibdew l-aħbarijiet. B'hekk inħossni aġġornat dwar x'qed jiġri."

**Mistoqsijiet:**

1. Semmi **ŻEWĠ** mezzi oħra tal-komunikazzjoni li llum il-ġurnata wieħed jista' juża biex isegwi l-aħbarijiet.
   ____________________
   ____________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Semmi **ŻEWĠ** mezzi tal-komunikazzjoni li llum il-ġurnata wieħed jista' juża [illegible] d-diski?

(2 marki)

3. Sa qabel is-snin disgħin f'Malta kellna stazzjon wieħed tat-televixin. Illum għandna diversi stazzjonijiet. Semmi **ŻEWĠ** effetti li dan ġab miegħu.

(4 marki)

4. "Taqleb fejn taqleb reklami biss!" X'inhu l-iskop u l-użu tar-reklami?

(4 marki)

5. It-televixin għal ċertu tfal sar *babysitter*. Xi adulti biex iżommu lit-tfal kwieti jinsewhom quddiem it-televixin. Semmi **ŻEWĠ** perikli li jġib miegħu ħafna ħin quddiem it-televixin.

(4 marki)

6. Fuq it-televixin ma tistax taqbad u tgħid li trid. Ċertu affarijiet u ideat jiġu mwaqqfa. Agħti **ŻEWĠ** eżempji.

(4 marki)

7. Fil-mass midja hemm bosta ħaddiema li jaħdmu biex ikunu jistgħu jwasslu l-informazzjoni f'darna. Semmi **ĦAMSA** minnhom.

(4 marki)

**(25 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima E: Wieġeb ERBA' minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. 'U l-kotra qamet f'daqqa u għajtet, jien Maltija miskin min ikasbarni, miskin min jidħa
Xi tfisser li tkun Malti? Semmi **ĦAMES** elementi li jagħmluna Maltin.

2. Kull ħaddiem hu importanti għall-ekonomija Maltija. Semmi **ĦAMES** ħaddiema u għid f'liema settur tal-ekonomija jaqgħu.

3. F'Malta għandna diversi servizzi tas-saħħa li jingħataw b'xejn. Semmi **ĦAMSA** minn dawn.

4. L-edukazzjoni u x-xogħol jimxu id f'id. Spjega.

5. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) titkellem fuq is-saħħa ħolistika. Fisser x'inhi **saħħa ħolistika** u spjega kif tista' tieħu ħsiebha.

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F: Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u ikteb madwar 200 kelma dwa
fuq karta separata:**

1. Bħala ċittadin is-soċjetà tgħinek u titlob mingħandek dmirijiet. Iddiskuti.

2. Il-konsumatur hemm bżonn li jkun edukat u informat. Ikkumenta dwar id-drittijiet tal-konsumatur.

3. Meta nieħdu ħsieb l-ambjent inkunu qed nieħdu ħsieb saħħitna wkoll. Iddiskuti.

4. Il-valuri u n-normi tal-Maltin qed jinbidlu. Iddiskuti.

**(20 marka)**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers